Minuti tal-laqgħa numru tnejn (2), tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR), li nżammet nhar l-Erbgħa, 17 ta' Lulju, 2024 fis-6.10pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sandro Craus | Sindku |
| Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| Charmaine Balzan | Kunsillier |
| Graziella Brincat | Kunsillier |
| Terence Sant | Kunsillier |
| Norbert Grech | Kunsillier |
| Nazju Cassar | Kunsillier |
| Rudolph Grima | Kunsillier |
| Paul Grech | Kunsillier |
| Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

02.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** Presendenza

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus. Is-Sur Paul Grech daħal għal-laqgħa fis-6.20pm u ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

* Dwar l-ewwel laqgħa li saret fil-Kunvent ta' San Duminku, is-Sur Sandro Craus qal illi għandna nibgħatu ittra ta' ringrazzjament lill-Fr Raymond Gatt tal-ospitalità tagħhom fil-kunvent għall-ewwel laqgħa tal-Kunsill. L-ewwel laqgħa tal-KLR

01.04 **Dekasteri u Ħatra ta' Kumitati** Dekasteri

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li ħadd ma jrid jaħdem waħdu u għal rasu. Madankollu kien deċiż b'vot unanimu illi d-dekasteri jkunu kif ġej:

01.04.01 **Is-Sur Sandro Craus – Sindku:**

Proġetti Infrastrutturali, Ambjent u Restawr

01.04.02 **Is-Sur Matthew Chetcuti - Viċi Sindku**

Immaniġġjar tat-Traffiku (applikazzjonijiet u sinjali tat-traffiku, Inklużjoni u Proġetti Soċjali u NGOs

01.04.03 **Is-Sa Chamaine Balzan**

Edukazzjoni, Sports u Attivitajiet – tfal u żgħażagħ u *Women Empowerment*

01.04.04 **Is-Sa Graziella Brincat**

Anzjani, *Day Centre*, Ħarġiet u Attivitajiet.

01.04.05 **Is-Sur Paul Grech**

Il-Baħrija, L-Andrijiet, Il-Kunċizzjoni, L-Imtaħleb, Wied il-Bużbież, L-Għemieri, Tas-Sirena, Id-Dwejra, Ħsarat tal-lampi tat-toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill u l-Korporazzjoni Enemalta, *Soft Areas* u Ġonna.

01.04.06 **Is-Sur Nazju Cassar**

Tal-Virtù, il-Wied tal-Isqof, Il-Buskett, il-Wied ta' Liemu, Santa Katarina, Misraħ Suffara u Raba' Nemel, il-Knis, il-Ġbir tal-Iskart, ir-reċipjenti tal-iskart u l-*Bring In Sites.*

01.04.07 **Is-Sur Rudolph Grima**

Il-Kultura, il-Ġemellaġġi u n-Negozji, L-iskedar mill-Awtorità tal-Ippjanar u t-Turiżmu.

01.04.08 **Is-Sur Norbert Grech**

Il-Programmi u l-applikazzjonijiet tal-Fondi Ewropej, Il-Web Site tal-Kunsill, Il-magażin u l-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill u Ġnien il-Barnuża l-Ħamra (Baħrija)

01.04.09 **Is-Sur Terence Sant**

Il-Manutenzjoni in ġenerali, il-Ħarsien tal-Annimali, is-Sigurtà tal-ġonna, pjazez u z-zoni importanti

**Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus xtaq jisma ir-reazzjonijiet tal-kunsillieri għad-dekasteri.**

Is-Sur Nazju Cassar kellu dawn il-kummenti: iz-zona tar-Rabat hija tali li jintefa' ħafna skart fiha illegalment u bejn l-Imtaħleb u Misraħ Suffara jinħtieġ isir moniteraġġ. Hawnhekk intqal illi cctv's jistgħu jgħinu biex negħlbu din l-isfida u hawn jista' jgħin is-Sur Terence Sant. *Skart mormi illegalment u sigurtà*

Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku qal illi fil-leġislatura preċedenti kien hemm qisu *lacuna* fejn jidħlu ż-żgħażagħ u issa s-Sa Charmaine Balzan se tkun qiegħda tindirizza dan kollu. Is-Sa Charmaine Balzan qablet ma' dan u diġa' għaddiet korrispondenza dwar inizjattiva li se ssir fuq bażi nazzjonali li se tkun qed tinvolvi l-KLi. *Żgħażagħ u tfal*

Dwar id-dekasteru tas-Sur Norbert Grech kien hemm diskussjoni dwar il-magazin tal-Kunsill u fuq kollox jekk għandux ikun b'mod diġitali jew ipprintjat. Is-Sur Terence Sant qal li tajjeb li kieku naraw x'jixtiequ n-nies, mentri is-Sur Rudolph Grima qal li mhux possibbli li nqassmu nota li fiha min ikun irid kopja tiegħu diġitali, se nkunu neċessarjament innaqqsu mil-ispiża tal-ipprintjar. Dan għaliex il-magazin jitqassam mhux bl-indirizz iżda bil-*bulk postage*. Hawnhekk is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li rridu nippubblikaw l-istorja tal-Kunsill u s-SE ta eżempju kif qed isir l-*iscanning* tad-dokumentazzjoni antika li qed tkun issejvjatha fil-*cloud,* dak il-ħin fuq il-monitor il-kbir. *Magazin, Storja tal-Kunsill*

Kien hemm proposta dwar il-possibilità tal-ġbir tal-iskart domestiku fil-għaxija. Hawn intqal illi l-kuntratt hu ffirmat bejn ir-Reġjun Punent u l-kuntrattur, u mhux possibbli li jiddawwar il-ħin. Madankollu, proposta bħal din għandha tiġi diskussa fil-kuntatt il-ġdid meta jagħlaq dan preżenti. *Ġbir tal-iskart domestiku filgħaxija*

* Il-Minuti tas-seduta numru wieħed (1) kienu meħuda b'moqrija, approvati u ffirmati unanimament. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li se jgħaddi l-*maiden speech* inawgurali tiegħu ta' nhar it-3 ta' Lulju, 2024, lis-SE għall-okkorrenza. *Minuti*

* Is-Sur Nazju Cassar u s-Sur Rudolph Grima nnutaw illi l-bidu tal-laqgħa numru wieħed suppost kellha tkun ippreseduta mis-Sur Nazju Cassar bħala l-kunsillier anzjan sakemm is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ħa l-ġurament tal-ħatra mill-Kummissarju tal-Ġustizzja. *Punti mill-Minuti/korrezzjonijiet*

02.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni: Tender for the supply and installation of cctv cameras 219/24** *Cctv's*


Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qagħad fuq ir-rapport tal-evalwaturi u approvaħ unanimament peress li kien *the cheapest compliant offer*. Madankollu qabel ma mmexxu bil-proċess tal-*awarding*, lil kumpanija Alarmtech Ltd, se nieħdu opinjoni oħra esperta peress li ħadd fil-bord ma kien tekniku fil-qasam tal-elettronika.
Għal din l-offerta ippropona s-Sur Matthew Chetcuti u ssekonda is-Sur Rudolph Grima u kien hemm qbil unanimu.

02.03 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni: Tender for the services of an accountant and accountant technician for the Rabat Local Council 218/24.** Accountant

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qagħad fuq id-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwaturi u din l-offerta se tingħata lic-*cheapest compliant offer* tas-Sur Paul Bugeja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u se mmexxu bl-*awarding* tal-kuntratt. Għal din l-offerta ippropona is-Sur Sandro Craus u ssekonda is-Sur Nazju Cassar u kien hemm qbil unanimu.

02.04 **Kuntratt tal-Knis tat-Toroq** Knis tat-toroq

Is-SE spjega lill-kunsillieri illi l-kuntratt tal-knis għalaq fis-16 ta' Lulju 2024. Il-Kunsill tal-leġislatura preċedenti ma xtaqitx toħroġ għall-offerta dan il-kuntratt li bih kienet se torbot lil din il-leġislatura għal erba' snin oħra għaliex sadanittant daħlet offerta oħra biex id-Dipartiment tal-Indafa Pubblika jagħtina aktar kenniesa u jassorbi l-fondi dedikati għal dan il-kuntratt kif elenkati mil-Gvern Ċentrali fil-budget 2024 (pro-rata).

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi jkun propizju illi nerġgħu niltaqgħu mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Indafa Pubblika sabiex niddiskutu dan kollu qabel ma tittieħed id-deċiżjoni filwaqt li l-kuntratt fuq imsemmi kien estiż lill-A83 sal-aħħar ta' Lulju 2024. Intant, is-Sur Terence Sant u s-Sur Rudolph Grima qalu illi A83 bagħtulhom messaġġ bi statement ta' €97K pendenti mil-KLR u iddikjaraw illi ma jridux iħallsu lill-ħaddiema. Is-Sindku u s-SE qalu illi dawn kienu tħallsu żżejjed fix-xhur l-imgħoddija minħabba li għollew il-kontijiet mingħajr ebdà raġuni u mhux skont id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt. Il-figura hija minfuħa b'żewġ kenniesa ineżistenti li kellhom paga għolja ta' €4,248 kull wieħed fix-xahar. Għalhekk, is-Sindku u s-SE ma aċċettawx li jħallsu dawn il-kontijiet. Barraminhekk, il-kuntrattur qed jippretendi li l-KLR iħallas it-tipping fees, xi ħaġa li s-SE u s-Sindku għandhom riżervi tagħhom dwarha.

02.05 **Ftuħ tal-Bini Muniċipali - 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat** Il-Muniċipju

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u s-SE taw aġġornament tas-sitwazzjoni tal-Kunsill fejn sar ir-restawr. Huma qalu illi jonqos l-għamara, il-PABX, isir *commmissioning* tal-*lift* u dak tal-ġeneratur. L-għamara minn stima li ġibna tqum mal-€40K. Dwar il-ftuħ jew aħjar l-*open day* is-Sa Charmaine Balzan issuġġeriet li nagħmluh f'Jum ir-Rabat, fit-2 ta' Settembru peress li kien deċiż li l-kommemorazzjoni tal-Ġieħ ir-Rabat, issir hemmhekk, jew inkella aktar tard. Jekk se nħalluha għal Novembru fir-Rabat Sacrum se tkun tard wisq u se tidħol kirja oħra tal-font 30, 34 Triq Inguanez. Madankollu is-Sur Rudolph Grima qal li nistgħu nagħmlu *open day* dak in-nhar. Is-Sindku qal li l-Binja ser tkun impossibbli li tinfetaħ għat-2 ta' Settembru peress li għad faddal x-xogħlijiet żgħar li għadhom ma sarux.

Intant dwar Jum ir-Rabat (li se jkun fuq l-agenda tal-laqgħa li jmiss) is-SE se jagħti l-*guidelines* ta' kif jingħata l-Ġieħ lill-kunsillieri filwaqt li s-Sur Sandro Craus qal li l-laqgħa li jmiss se niddedikawha għal Jum ir-Rabat.

* **Skeda tal-Pagamenti u dik tax-xiri** Skeda tal-pagamenti

Kienu approvati b'vot unanimu l-iskeda tal-pagamenti numru 360 u dik tax-xiri bin-numru 78 . Minn fuq dik tal-aħħar kienet magħżula il-*first time cleaning* ta'



Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;

Cleanteck u injorati l-istima ta' *WM Environmental* u dik ta' *Bad Boy Cleaners* għaliex kienu ogħla.

**Punti Oħra**

| | | |
|---|---|---|
| * | Is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq l-attività li jmiss bl-isem Rabat Sacrum u informa lill-kunsillieri li kienet posposta għat- 2 u t-3 ta' Novembru 2024. Is-SE qal li rċevejna mid-DLG illi r-rinbors se jkun ta' €20,000. | Rabat Sacrum |
| * | Is-Sur Rudolph Grima talab li tinkiteb ittra ta' awgurju lis-Sindku l-ġdid tal-belt ġemellata ta' Tarquinia. | Tarquinia |
| * | Is-Sur Rudolph Grima semma' l-każ ta' żvilupp fil-foss ta' San Pawl tas-Sa Theuma. Hawn intqal illi kull kunsillier (anke l-ġodda) saru jafu bih. Kien hemm diversi proposti madankollu l-aktar waħda urġenti hija dik li jsir skedar permezz tal-Perit Borg Costanzi tal-Kunsill li qed jieħu ħsieb dan kollu. Proposta oħra kienet illi niltaqgħu mal-iżviluppatur, iżda intqal illi f'din iz-zona hemm mill-inqas tliet żviluppaturi li jridu jagħmlu żvilupp. | Ms Theuma |
| * | Is-Sur Terence Sant, qabel ma aġġorna fit-20.10pm, saħaq biex inżidu t-teknoloġija fl-operat filwaqt li kien ukoll suġġerit li jinfetaħ *Instagram Account.* Suġġeriment ieħor tas-Sindku kien biex jinfetaħ *e-mail account* speċifiku għall-ilmenti tal-Kunsill biex issir *follow up* tagħhom. | Instagram, e-mail għall-ilmenti u teknoloġija |
| * | Is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq il-ħtieġa li titwaħħal *bollard* quddiem ir-rampa fi Triq Cosmana Navarra li twasslek fuq iz-zuntier għaliex qed jipparkjaw il-muturi. Hawn intqal illi baqa' ma twaħħalx il-*handrail* biex jużawh persuni b'diffikultà mobbli. | Ostaklu b'muturi |
| * | Is-Sa Grazielle Brincat tkellmet fuq il-bżonn li l-bankina fi Vjal il-Ħaddiem speċjalment dik ta' quddiem il-*Maypole* u *The Egg* issirlhom xi ħaġa għax dawn ġew jiżolqu ħafna. | Bankini jiżolqu |
| 02.06 | **Data u ħin tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li jmiss**<br>Il-KLR aġġorna fit-20:35 u se jiltaqa nhar is-7 ta' Awwissu 2024 fl-istess ħin. | Aġġornament |

| | | |
|---|---|---|
| | **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula minn | Anthony Bonello u approvat llum 7.8.24 minn | Sandro Craus |
| | Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;